TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 83/14-F

**Vincent Vella**

**vs**

**Trebee Co. Ltd.**

Illum 7 t'Ottubru, 2014

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fil-25 t'April, 2014 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' tmien mitt ewro (€800), rappreżentanti prezz ta' *hearing aid* li wara ftit kellha l-ħsara u li kien hemm bżonn erba' mitt ewro (€400) sabiex tissewwa.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien xtara *hearing aid* għall-prezz ta' tmien mitt ewro (€800) fil-21 ta' Ġunju, 2012. Illi wara ftit xhur li beda jużha, dina bdiet taħdem ħażin u għalhekk qed jitlob l-ammont ta' erba' mitt ewro (€400), rappreżentanti l-prezz għat-tiswija.

L-intimat issottometta li l-*hearing aid* hija tajba, pero' ġralha l-ħsara għax imtliet bl-ilma u għalhekk mhuwiex lest li jsewwiha a spejjeż tiegħu.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi l-intimat għamel kontro-talba għall-ammont ta' mitejn, u ħamsa w sebgħin ewro (€275).

It-Tribunal, jinnota wkoll illi sar rapport minn Siemens, fejn jikkonferma li l-ħsara kienet ta' natura estranja peress li kien hemm l-ilma.

It-Tribunal, ikkonfrontat b'din ix-xhieda, qed jagħti iktar kredibbilta' lis-soċjeta' ntimata, u qed jemmen illi l-ħsara saret mhux tort tal-intimat imma għax kien daħal xi ilma.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, u qed jiċħad ukoll il-kontro-talba tas-soċjeta' ntimata, u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**